MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 374/2011

**A B C D**
**vs**
**E F, J H, Dr. Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b' digriet tas-27 ta' Frar 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interess tal-minuri G H,**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. ILLI r-rikorrent ressaq din il-kawza ghaliex hu l-msissier bijologiku tal-minuri G H u dana minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata E F;

2. ILLI skont l-Att tat-Twelid il-minuri qed jidher bhala bin l-intimat J H;
3. ILLI minn testijiet xjentifici tad-DNA li saru kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimat J H jirrizulta illi fil-fatt il-missier bijologiku tal-minuri G H huwa fil-fatt ir-rikorrent A H.Y. D;
4. ILLI ghalhekk ir-rikorrent qed iressaq din il-kawza halli din il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta' Perit nominat mill-Qorti jekk ikun il-kaz tiddikjara li hu l-missier ta' G H u halli tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv.

Talab lil Qorti sabiex:
1. Tiddikjara illi l-intimat J H m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri G H;
2. Tiddikjara illi r-rikorrent hu l-missier tal-minuri G H u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominandi;
3. Tordna lill-intimat Direttur Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 272 tas-sena 2011 billi fit-tielet kolonna jitnehha l-isem 'G H' u jinbidel ghal 'G D' u billi fil-hames kolonna tal-istess Att titnehha l-frazi J H (PIETA' MALTA) u tidhol il-frazi 'A B Youssef D (Egittu)';
4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korett.
Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat id-dokumenti prezentati mill-attur;

Rat ir-rikors ta' l-attur u d-digriet taghha datat 27 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Dr Henry Antoncich u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi Deputati sabiex jirrapresdentaw lill minuri G H;

Rat ir-risposta guramentat tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li espona u eccepixxa s-segwenti:-

1. ILLI preliminarjament l-esponent jistqarr li hu m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-

mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ILLI bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel zewg talbiet attrici l-esponenti jinvita lir-rikorrenti A B Youssef D sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel G. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi evetwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi minuri bin-numru ta' registrazzjoni 272 tas-sena 2011;

3. ILLI bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri G a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ILLI finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut J H fejn ammetta l-ewwel talba;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-attur u mill-konvenuta.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel G H li twieled fit-8 ta' Jannar 2011 li fl-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala iben il-konvenut J H huwa fil-fatt iben l-attur.

**Provi**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur beda relazzjoni mal-konvenuta E F fis-sena 2010 u b'rizultat ta' din ir-relazzjoni twieled il-minuri G fit-8 ta' Jannar 2011. Peress li fl-istess zmien il-konvenuta E F kienet f'relazzjoni ohra mal-konvenut J H u ma riditx tghidlu li t-tarbija ma kienetx tieghu, fl-att tat-twelid tal-minuri G tnizzel li hu iben il-konvenut J H.

Il-konvenuta E F tikkonferma dawn il-fatti u tikkonferma ukoll li l-missier naturali ta' G H huwa l-attur A B C D u fil-fatt il-minuri jixbah lill-attur.

Il-konvenut J H jaqbel mat-talba tal-attur peress li mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri G H;

It-testijiet tad-DNA maghmula u mahlufa minn Dr Marisa Cassar ikkonfermaw xjentifikament li l-minuri hu iben l-attur u gie eskluz li huwa iben il-konvenut J H.

**Konsiderazzjonijiet**

Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista’ jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkienkemm ukoll separatament;*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta’ tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-eta, ma jkunx gew notifikati b’ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li*

*fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak ittaghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz u t-tifel ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*
*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xaghrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.
Ir-rapport tad-DNA ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Attard (fol.40) ma jhalli l-ebda dubju dwar minn hu effettivament missier il-minuri. Gew prelevati kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-konvenuta B u tal-minuri u mid-DNA tests li saru jirrizulta li l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri F.

**Decide.**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut J H m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri G H;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-attur A B C D hu l-missier tal-minuri G H;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 272 tas-sena 2011 billi fit-tielet kolonna jitnehha l-isem 'G H' u jinbidel ghal 'G D F' u billi fil-hames kolonna tal-istess Att titnehha l-frazi J H (PIETA' MALTA) u tidhol il-frazi 'A B Youssef D (Egittu)';

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-attur u l-konvenuta E F f'ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------